Nru./No. 21,201
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu, 2024
Friday, 1st March, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2421 - 2422
Government Notices ..... *2421 - 2422*

Avviżi tal-Qorti ..... 2422 - 2424
Court Notices ..... *2422 - 2424*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 295

NOMENKLATURA TA' MINISTRI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva t-tibdil li ġej fin-nomenklatura tal-Ministri msemmija hawn taħt, b'seħħ mid-29 ta' Frar, 2024:

Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur għandu jissejjaħ Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali;

Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għandu jissejjaħ Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol;

Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għandu jissejjaħ Ministru għall-Finanzi.

Id-29 ta' Frar, 2024
(COF/503/2022)

Nru. 296

NOMENKALTURA TA' SEGRETARJI PARLAMENTARI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 88 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva it-tibdil li ġej fin-nomenklatura u l-qadi tal-funzjonijiet tas-Segretarju Parlamentari msemmi hawn taħt, b'seħħ mid-29 ta' Frar, 2024:

Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi fil-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali.

Id-29 ta' Frar, 2024
(COF/504/2022)

Nru. 297

ASSENJAMENT LILL-MINISTRI TA' RESPONSABBILTÀ DWAR XOGĦOL TAL-GVERN TA' MALTA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, assenja responsabbiltà dwar kull xogħol

GOVERNMENT NOTICES

No. 295

DESIGNATION OF MINISTERS

IN exercise of the powers conferred by article 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has approved the following changes in designation of Ministers, with effect from 29th February, 2024:

Deputy Prime Minister and Minister for European Funds, Social Dialogue and Consumer Protection to be changed to Deputy Prime Minister and Minister for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue;

Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality to be changed to Minister for Home Affairs, Security and Employment;

Minister for Finance and Employment to be changed to Minister for Finance.

29th February, 2024

No. 296

DESIGNATION OF PARLIAMENTARY SECRETARIES

IN exercise of the powers conferred by Section 88 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has approved the following change in designation and functions of Parliamentary Secretaries, with effect from 29th February, 2024:

Parliamentary Secretary for Equality and Reforms to be moved to the Ministry for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue.

29th February, 2024

No. 297

ASSIGNMENT TO MINISTERS OF RESPONSIBILITY FOR THE BUSINESS OF THE GOVERNMENT OF MALTA

IN exercise of the powers conferred by article 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has

tal-Gvern ta' Malta, magħduda l-amministrazzjoni tad-Dipartimenti tal-Gvern b'seħħ mid-29 ta' Frar, 2024, kif ġej:

Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali

Ugwaljanza
Libertajiet Ċivili
Drittijiet ta' Minoranzi
Riformi
Kommunitajiet

Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

Xogħol u Taħriġ

Id-29 ta' Frar, 2024
(COF/503/2022)

assigned the following business of the Government of Malta, including the administration of Departments of Government with effect from 29 February, 2024, as follows:

Deputy Prime Minister and Minister for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue

Equality
Civil liberties
Minority rights
Reforms
Communities

Ministry for Home Affairs, Security and Employment

Employment and Training

29th February, 2024

Nru. 298

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 91 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

L-1 ta' Marzu, 2024

No. 298

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 91 entitled the Council for Maltese Living Abroad (Amendment) Act, 2024.

1st March, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

504

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 510/2021DC, li ġie ppreżentat fis-27 ta' Mejju, 2021, fl-ismijiet: Zerafa Joseph vs Zahra Carlo, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tawtorizza lir-rikorrent sabiex, fin-nuqqas, jesegwixxi hu direttament tali xogħlijiet taħt is-sorveljanza tal-istess periti nominandi, a spejjeż tal-intimat. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' April, 2024, fl-10.30 a.m.

Notifika Intimati: Portelli Kevin u Portelli Roberta, 69, Helen, Triq Mile End, Il-Ħamrun

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 18th January, 2024, in the records of Sworn Application number 510/2021DC, which was filed on the 27th May, 2021, in the names: Zerafa Joseph vs Zahra Carlo, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Authorise the applicant so that, in default, he executes directly such works under the supervision of the same appointed architects, at the expense of the respondent. With costs against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 11th April, 2024, at 10.30 a.m.

Notify Respondents: Portelli Kevin and Portelli Roberta. 69, Helen, Triq Mile End, Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

505

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1236/2023MS, li ġie ppreżentat fil-31 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet: Toni Trade Limited vs Lara Investments Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont komplessiv ta' dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħaxijiet legali kontra soċjetà intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th February, 2024, in the records of Sworn Application number 1236/2023MS, which was filed on the 31st October, 2023, in the names: Toni Trade Limited vs Lara Investments Limited, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent company to pay the total amount of nineteen thousand and eight hundred euro (€19,800).With all costs and legal interest against the respondent company who is summoned so that a reference to her evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' April, 2024, fid-9.15 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 12th April, 2024, at 9.15 a.m.

Notifika Intimat: Lara Investments Limited, Lara Buildings, Triq Giuseppe Calì, L-Iklin

Notify Respondent: Lara investments Limited. Lara Buildings, Giuseppi Cali Street, Iklin.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

506

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Jannar 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-assenti Annmarie Vella u Mary Sciberras, fl-atti tar-rikors ġuramentat ai termini tal-artiklu 495A tal-Kodoċi Ċivili, li jġib in-numru 143/2023 BS fl-ismijiet 'Carmelo Portelli nomine et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Annmarie Vella u Mary Sciberras', ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2023, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 23rd of January 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 23rd of January, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the expatriates Annmarie Vella and Mary Sciberras, in the acts of the sworn application in terms of article 495A of the Civil Code, bearing number 143/2023 BS in the names 'Carmelo Portelli nomine et vs Deputy Curators to represent the expatriates Annmarie Vella and Mary Sciberras', filed on the 22nd of December, 2023, in the

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti, liema rikors jirrigwarda l-bejgħ ta' żewġ porzjonijiet art li jinsabu fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Briegħen' sive 'Tal-Bur' fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum it-23 ta' Jannar, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all the other relative and subsequent acts, which application relates to the sale of two portions of land located in the area known as 'Ta' Brìegħen' sive 'Tal-Bur' within the limits of Għajnsielem, Gozo.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wants to be appointed as curator to appear within six (6) days in this Registry and file a note declaring so.

You are also ordered to inform each one that if he does not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

This 23rd January, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

507

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1115/2023MS, li ġie ppreżentat fit-28 ta' Settembru, 2023, fl-ismijiet: Camilleri Mary Rose vs Gatt Keon et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-intimat jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimati.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' April, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Gatt Keon. 16, Highburry, Triq l-Aħmar, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 12th February, 2024, in the records of Sworn Application number 1115/2023MS, which was filed on the 28th September, 2023, in the names: Camilleri Mary Rose vs Gatt Keon et, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the respondent or either of whom to pay the applicant the damages and expenses so liquidated. With all costs and legal interest against the respondents.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 12th April, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Gatt Keon. 16, Highburry, Triq l-Aħmar, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 22nd February, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*